MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 25

13 ta` Jannar 2017

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Eman Zerafa– Kunsillier
Is-Sur Lawrene Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u  ppresjeda l-laqgħa.

## 25.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 24(07) u tal-Kontinwazzjoni tal-istess laqgha fejn gew approvati bi qbil unanimu.

Punti Mqajjma mill-Minuti

25.1.1  Gie deciz li ghandha tintbaght ittra ,lis-Segretarjat Parlamentari dwar meta ser ssir il-ftuh ufficjali tal-learning hub tal-anzjani fil-Berga tal-Ingliterra. Is-Sur Gellel kompla jghid li jekk ghad fadal xi xoghlijiet ohra minn kien ser jaghmel tajjeb ghalihom. *(Minuti 24(07) Nru 24.1.1)*

25.1.2 Is-Sur Boxall qal li wasal iz-zmien li tittiehed decizjoni fejn ser issir il-bust ta` Dun Guzepp Caruana. Is-Sur Attard qal li l-ewwel ghandha tittiehed decizjoni ta` fejn ser ssir umbghad meta jkollna l-flus allokati naghmlu dan il-bust. Dwar dan kien hemm qbil. Is-Sur Boxall propona li l-bust ghandhu jsir Couvre Porte u ghal dan issekonda s-Sur Lawrence Attard. Ghall-proposta ta` Sur Anton Gellel li l-bust ssir fejn Sagra Infermerija, ssekonda s-Sur Eman Zerafa. Ghall-proposta ta` Sindku kien hemm qbil minn zewg kunsilliera, mis-Sur Lawrence Attard u mis-Sur Trevor Mizzi u ghall-proponiment tas-Sur Gellel kien hemm vot wiehed favur tas-Sur Zerafa. Wara din id-decizjoni, gie deciz li ghandhom jinbdew il-permessi kollha neccessarji u s-Sur Gellel qal li l-flus ta` dawn l-ispejjez ghandhom jittiehdu mill-flus li ngabru sa` issa. Is-Sur Attard qal li ghandna navvicinaw lill-Arcipriet sabiex javza fil-quddiesa biex in-nies jghinnu kemm jisghtu. *(Minuti 24(07) Nru 24.1.2)*

25.1.3 Is-Sur Mizzi saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp dwar Triq l-Antika, fejn sfortuntament is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ma kellhu l-ebda risposta minn naha tal-Onorevoli Dr. Owen Bonnici. *(Minuti 24(07) Kontiwazzjoni Nru 24.2.9)*

25.1.4 Dwar l-installazzjoni tal-kamera fil-pjazza, l-Kunsill Lokali tal-Birgu gabar tlett kwotazzjonijiet u ghalhekk ghandu jmur ghall-irhas offerta. Is-Sur Boxall qal li s-servizz tal-internet ser jittiehed mill-hanut l-Arlogg, fejn is-sid tal-hanut ma sab l-ebda ogezzjoni. Is-Sur Mizzi propona li l-kwotazzjonijiet ghandhom jarhom xi hadd li jifhem sabiex ikun jista` jiggwidana jekk l-irhas offerta hiex tajba u tilhaqx ir-requirments li hemm bzonn. Dwar dan kien hemm qbil. *(Minuti 24(07) Kontinwazzjoni Nru 24.2.20)*

25.1.5 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li nhar it-Tnejn 9 ta` Jannar 2017 saret laqgha mall-Ministru Dr. Helena Dalli sabiex jigi diskuss l-progett tal-Glaziz. Is-Sindku kompla jghid li ghal din il-laqgha ma setax ikun prezenti minhabba li kien ma jiflahx. *(Minuti Nru 24(07) Kontinwazzjoni Nru 24.2.15)*

25.1.6 Dwar il-flus tal-progett L.U.N.F , is-Sindku qal li l-flus zejda li l-Kunsill ser jifdalu wara li jkun hallas l-ispejjez kollha relatati ma` dan il-progett, ghandhom imorru ghall-ispejjez tal-installazzjoni tal-pittura *(Minuti 24(07) Kontinwazzjoni Nru 24.2.2)*

## 25.2 Korrispondenza

25.2.1 Is-Sindku qara l-korrispondenza dwar patt ta`hbiberija ma` kapella gewwa l-Italja ddedikata lil San Lawrenz. Waqt laqgha li saret mal-partijiet ikkoncernati, gie deciz li titella` attivita fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu jippartecipa fiha. Is-Sur Boxall qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu flimkien mall-Parrocca ta` San Lawrenz ghandhom jaghtu sehemhom ma` dan l-Istitut Opera Medica Laurenziana sabiex titella` esebizzjoni go Firenze u ohra f`Malta. Ghandhu jsir appuntament mall-Ministru Edward Zammit Lewis, Ministru Dr.Owen Bonnici u l-Ministru Dr. George Vella. Is-Sur Boxall propona li l-ewwel attivita ghandha ssir gewwa l-belt ta` Firenze umbghad wara ssir f`Malta. Ghal dan il-proponiment ssekonda s-Sur Trevor Mizzi.

25.2.2 Is-Sur Attard informa lil dawk prezenti li Skema tal-Progetti Kapitali ghada ma hargitx sabiex il-Kunsill ikun jista` jibbenifika minn fondi sabiex isir il-progett tal-bandli.

25.2.3 Gew prezentati lista ta` kredituri wara li l-accountants tal-Kunsill irrikonciljaw mall-istess kredituri sabiex il-Kunsill ikun jaf f`liema pozizzjoni finanzjarja qieghed. Wara li din lista giet ipprezentata, is-Sindku ppropona li din il-lista ghandha tigi approvata u dan sabiex l-accountants tal-Kunsill ikunu jisghtu jkomplu bil-hidma taghhom. Ghal dan il-proponiment isskekonda s-Sur Mizzi u kien hemm qbil unanimu.

25.2.4 Gie pprezentat ir-Rapport Amministrattiv tas-sena 2016, fejn gie migbur dak kollhu li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghamel matul is-sena ta` hidma. Ghal dan ir-Rapport gew mqajjma xi punti minn dawk prezenti sabiex jizdiedu ma` dan ir-rapport. Is-Segretarju Ezekuttiv hadet nota ta` dan.

## 25.3 Zvilupp dwar l-approvazzjoni tal-progett tar-Regatta

Dwar il-progett tal-klabb tar-Regatta, is-Sindku nforma lil dawk prezenti li nhar it-Tnejn 16 ta` Jannar 2017 ser ssir laqgha mall-Perit Claude Busutill u l-perit minn naha tal-Minsiteru ta` Transport biex jkun jista` jibda l-process ta` xoghlijiet. Is-Sur Boxall qal li jkun ferm ahjar jekk rapprezentanti mill-Kunsill u minn klabb tar-Regatta jkunu prezenti. Is-Sur Gellel saqsa jekk issa l-ispejjez tal-perit hux ser ikompli jhallashom il-Kunsill jew jghaddux ghand il-Minsiteru. Is-Sur Boxall spjega li huwa diga nforma lill-Perit tal-Minsiteru li l-Kunsill mhux ser johrog flus aktar issa li hemm il-permessi kollha mehtiega biex jinbeda xoghol.

## 25.4 Taghrif dwar l-Iskema tar-Restawr tal-Faccati

Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li fil-jiem li gejjin ser tohrog l-Iskema tar-Restawr tal-Faccatti, fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu ser ikun involut f`din l-iskema billi l-istess

Kunsill ser joffri s-servizz tal-perit, liema spejjez ser ikunu offruti mill-Planning Authority. Gie deciz li kull min jigi ghall-applikazzjoni, il-Kunsill ghandhu jiehu dettalji tal-persuna, data u l-hin ta` x`hin gie jinqeda u dan sabiex wara li l-Kunsill jaghmel laqgha mal-perit, ikun jista` jaghmel kuntatt maghhom skond iz-zmien li jkunu gew.

## 25.5 Zvilupp dwar ix-xoghlijiet ta` Sally Porte

Is-Sur Zerafa staqsa x`ser jigri dwar ix-xoghlijiet ta` Toqba (Sally Porte). Is-Sur Boxall qal li triq inalghqet mill-Ministeru ta` Transport u Infrastruttura u l-periti qeghdin jistennew xi tenders biex johorgu sabiex jinbdew ix-xoghlijiet.

## 25.6 Taghrif dwar il-Festival tal-Milied fil-Birgu

Is-Sur Boxall qal li l-attivita tal-Milied kienet attivita ohra ta` success. Zgur li minghajr l-ghajnuna tal-Kunsillier is-Sur Anton Gellel, din l-attivita ma kinitx issir. Is-Sur Boxall qal li jinsab dispjacut li nies ma kitbux fuq facebook dwar l-armar ta` toroq li sar imma meta l-Kunsill ma ramax, inkitbu diversi kummenti fuq facebook. Fuq dan il-punt is-Sindku qal li min jixtieq jaghmel xi attivita, jrid jigri ghal flus huwa. Kompla jghid li minn naha tieghu mhux ser jivvinta aktar attivitajiet u dan sabiex il-Kunsill jnaqqas mid-deficit li ghandhu.

## 25.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

Is- Sindku, is-Sur John Boxall, ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 3270 – 3336 , ic-cekkijiet bi numru 3286,3296,3305,3306 gew ikkancellati u HSBC cekkijiet numru 9586 – 9621 u cekk bi numru 9609 gie kkancellat. Il-Kunsill approva b’mod unanimu l-Iskeda ta’ Pagamenti ddatata l-18 ta’ Novembru, 2016 sat-13 ta` Jannar 2017.

## 25.9 Tmiem tal-Laqgha u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja neqsin kwart ta` filghaxija (7:45pm)u ġiet aġġornata l-laqgha Nru 26 ghat-Tnejn 16 Jannar 2017 fil-hamsa ta` filghaxija (5:00pm).

Konfermati, illum 31 ta` Jannar 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |